MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2007

Appell Kriminali Numru. 226/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Nazzareno Zarb**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Nazzareno Zarb talli f'dawn l-ahhar xhur f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda:

(1) Minghajr licenza moghtija mill-Awtorita` kompetenti, ghamel kummerc ta' istituzzjoni finanzjarja f'Malta jew minn Malta minghajr licenza mill-Awtorita` kompetenti, u cioe` sellef flus bl-imghax lil diversi persuni;

(2) Kiser jew naqas li jhares xi wahda mid-disposizzjonijiet, jew xjentement kien parti fl-ghemil, jew ipprokura jew ghen jew hajjar l-ghemil ta' xi reat taht l-istess Att XXII ta' l-1994 dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji;

(3) Sar recidiv ghat-termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li gie kkundannat ghal reati b'diversi sentenzi mill-Qrati tal-Magistrati li saru definittivi;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-12 ta' Gunju 2006, li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi Nazzareno Zarb hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u lliberatu minnhom;

Rat ir-rikors ta' appell tal-Avukat Generali pprezentat fis-26 ta' Gunju 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata, issib lill-appellat hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tinfliggi fuqu l-piena skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant Avukat Generali jirrigwarda l-interpretazzjoni li tat l-ewwel Qorti ghall-elementi tar-reat kontemplat fl-ewwel imputazzjoni, u b'mod partikolari ghall-element li s-self irid ikun sar ghar-riskju tal-persuna li tkun qed twettaq l-attivita` ta' istituzzjoni finanzjarja. Jghid illi ma jaqbilx ma' dak li qalet l-ewwel Qorti li biex ikun sodisfatt dan ir-rekwizit, il-persuna in kwistjoni trid tislef lil haddiehor biex dan il-haddiehor jerga' jislifhom lil haddiehor. Dan minn imkien ma jirrizulta mil-ligi, u l-fatt li l-istess Qorti kienet tat xi decizjonijiet f'dan is-sens precedentement ma jaghtix ragun lill-ewwel Qorti meta l-istess decizjonijiet ma jsibu ebda sostenn f'ebda disposizzjoni tal-ligi. L-appellant jaghmel referenza ghad-definizzjoni li taghti l-ligi ta' "istituzzjoni finanzjarja" u ghall-fatt li s-self (u mhux li tissellef) huwa wiehed mill-attivitajiet

mnizzla fl-iskeda annessa ma' l-Att dwar l-Istituzzjonijiet Finanzjarji. Fir-rikors ta' appell tieghu mbaghad l-appellant ikompli jghid hekk:

*"Kull ma timplika l-frazi 'akkont u ghar-riskju tal-persuna li tkun twettaq dik l-attivita`' fir-rigward ta' l-attivita` ta' self hu li <u>min jislef</u> ikun qieghed jislef f'ismu proprju u mhux ghan-nom ta' haddiehor. L-ewwel qorti kkapovolgiet kollox billi rriteniet li <u>min jissellef</u> irid jissellef ghan-nom ta' haddiehor. Dan minn imkien ma jirrizulta mil-ligi. Irrizulta minghajr dubbju li l-akkuzat kien jislef 'akkont u ghar-riskju' tieghu stess u ma hemm ebda ombra ta' prova fil-process li seta' kien xort'ohra.*

*Kien ikun perikoluz hafna ghas-sistema finanzjarja ta' Malta li kieku l-istituzzjonijiet finanzjarji awtorizzati setghu isellfu biss bl-iskop li min jissellef jghaddi dawk il-flus li sselef lil persuna ohra biex taghmel self hi. Kienu jkunu vani u kompletament inutli l-obbligi mposti fuq dawn l-istituzzjonijiet li jaghmlu 'due diligence' serju dwar lil min u ghal liema skop ikun se jsir is-self, jekk min jissellef jista' mbaghad jghaddi l-flus lill-ohrajn minghajr ebda 'due diligence' u minghajr is-supervizjoni ta' l-awtorita` kompetenti.*

*L-istess Att jispecifika fl-artikolu 3(2) li:*

*'3(2) Fil-kaz ta' dubju ragonevoli dwar jekk xi attivita` tkun tikkonsisti f'kummerc ta' istituzzjoni finanzjarja, jew jekk kummerc ta' istituzzjoni finanzjarja jkun jew ma jkunx qed isir f'Malta jew minn Malta minn xipersuna, il-kwistjoni ghandha tigi konkuzivament deciza mill-awtorita` kompetenti.'*

*L-awtorita` kompetenti anqas biss tohlom li taghti t-tifsira li tat l-ewwel Qorti ta' attivita` finanzjarja.*

*Fl-ewwel paragrafu f'pagna 21 tas-sentenza taghha l-ewwel Qorti qalet hekk:*

*'Illi ma hemmx dubju mill-provi prodotta (sic) u mix-xhieda mismugha li Raymond Vella, Jacqueline Rapinett,*

*Anthony Zampa, Eleno Cassar, Charmaine Cassar u Dominic Cuschieri kollha sselfu l-flus minghand l-imputat, forsi b'imghax ghaliex 9sic0 minn dak permess mil-ligi wkoll f'okkazjonijet aktar minn wahda, pero`1 dan sar ghar-ragunijiet personali taghhom u mhux sabiex isellfu l-istess flus li setghu ssellfu minghand l-imputat, lil terzi.'*

*Minn dak li rritenit li sabeit l-ewwel qorti jirrizultaw l-elementi kollha necessarja tar-reat inkluz li l-attivita` in kwistjoni saret 'b'mod regolari jew abitwali' u ghalhekk jirrizulta minghajr dubju li l-imputat mexxa attivita` ta' istituzzjoni finanzjarja minghajr l-awtorizzazzjoni rikjesta mil-ligi, u li ghaldaqstant kellu jinstab hati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu."*

Din il-Qorti tghid mill-ewwel illi taqbel ma' dak li qal l-Avukat Generali dwar l-interpretazzjoni li tat l-ewwel Qorti. Din il-Qorti ezaminat mhux biss is-sentenza appellata izda anke s-sentenzi moghtija mill-ewwel Qorti kif presjeduta fil-kawzi fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Mary Muscat** (14 ta' Dicembru 2004) u **Il-Pulizija v. Pierino Fiorini et** (20 ta' Frar 2006). F'dawn l-ahhar zewg sentenzi, il-Qorti tal-Magistrati tirreferi ghal dak li kienet qed tikkontendi d-difiza li "s-self maghmul mill-imputati ma sarx ghar-riskju ta' persuna li qed twettaq dik l-attivita`" (sottolinear ta' din il-Qorti). Huwa evidenti li t-tnehhija ta' l-artikolu definittiv biex jikkwalifika l-preposizzjoni "ta'" ibiddel is-sinifikat kollu ta' dak li tipprovdi l-ligi. Il-ligi titkellem dwar li attivita` ssir "akkont u ghar-riskju tal-persuna li tkun twettaq dik l-attivita`", u ghalhekk qed tirreferi ghall-istess persuna li tkun wettqet is-self jew attivita` ohra msemmija fl-Iskeda, u mhux ghal persuna ohra li wkoll qed tislef jew sejra tislef il-flus lil terz.

Stabbilit dan, irid jigi osservat illi fir-rikors ta' appell tieghu l-Avukat Generali mexa fuq id-definizzjoni ta' "istituzzjoni finanzjarja" kif inhi llum fil-ligi, introdotta bl-artikolu 203 ta' l-Att tal-2002 li Jirregola Fondi Specjali (Att XVII tal-2002), liema emenda giet fis-sehh fl-1 ta' Ottubru 2002. Il-kaz odjern jirrisali ghall-ahhar xhur qabel l-4 ta' April 2001 u ghalhekk hi applikabbli d-definizzjoni kif kienet allura vigenti.

Qabel l-1 ta’ Ottubru 2002, id-definizzjoni kienet taqra hekk:

**“ ‘istituzzjoni finanzjarja’ tfisser kull persuna li x-xoghol regolari jew kummerc regolari taghha huwa li twettaq: (a) xi wahda mill-attivitajiet elenkati fl-Iskeda li tinsab ma’ dan l-Att; (b) kull attivita` ohra hekk stabbilita mill-Ministru b’ordni publikat fil-Gazzetta li jemenda l-Iskeda li tinsab ma’ dan l-Att, akkont u ghar-riskju tal-persuna li tkun qed twettaq dak il-kummerc …”**

Mill-1 ta’ Ottubru 2002, id-definizzjoni giet taqra hekk:

**“ ‘istituzzjoni finanzjarja’ tfisser kull persuna li b’mod regolari jew abitwali tikseb *holdings* jew twettaq xi attivita` mnizzla fl-Iskeda akkont u ghar-riskju tal-persuna li tkun qed twettaq dik l-attivita` …”**

L-ewwel attivita` li hemm imnizzla fl-Iskeda – u din l-Iskeda ma nbidlitx minn mindu giet fis-sehh il-ligi fl-1994 – hija dik ta’ “self”, evidentement self ta’ flus.

Tajjeb hawn li ssir mill-gdid referenza ghal dak li ntqal minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Raymond Bajada** deciz fil-5 ta’ Novembru 2004 u liema sentenza l-ewwel Qorti wkoll iccitat:

**“Fil-fehma ta’ din il-Qorti, bejn l-ewwel u t-tieni definizzjoni ta’ ‘istituzzjoni finanzjarja’ kien hemm biss spostament ta’ enfazi: filwaqt li fid-definizzjoni ta’ qabel l-1 ta’ Ottubru 2002 l-enfazi kienet fuq il-fatt li l-attivita` ta’ self ta’ flus kienet tkun ix-xoghol jew kummerc, jew parti mix-xoghol jew kummerc, regolari ta’ dak li jkun (mhux necessarjament, pero`, ix-xoghol jew kummerc principali), fit-tieni definizzjoni l-enfazi giet spustata ghall-‘frekwenza’ – regolarita` jew abitwalita` - li biha dak li jkun isellef flus, irrispettivament minn jekk dan isirx bhala xoghol jew kummerc, jew parti mix-xoghol jew kummerc, ta’ dak li jkun. Dak li certament il-legislatur ma riedx li jolqot,**

**sia taht l-ewwel kif ukoll taht it-tieni definizzjoni, huwa lil min jislef il-flus lil haddiehor ghax darba kultant tigih l-okkazjoni li jaghmel hekk; il-legislatur ried, ghal kuntrarju, jolqot lil min jaghmel tali self b'dak il-mod u b'dik il-frekwenza li meta tarah tghid, bejnek u bejn ruhek, 'dan sar qisu bank!' Fl-ahhar mill-ahhar, ghalhekk, u fin-nuqqas ta' definizzjoni aktar preciza da parti tal-legislatur, hu rimess ghall-bwon sens tal-gudikant biex jara jekk dak li jkun wettaq l-imputat jammontax ghal kummerc ta' istituzzjoni finanzjarja."**

F'dan il-kaz, l-ewwel Qorti sabet illi l-appellat kien silef il-flus lil diversi nies, forsi b'imghax oghla minn dak permess mil-ligi u anke f'okkazjonijiet diversi. Issa, meta l-appellat xehed quddiem l-ewwel Qorti, qal illi fejn fl-istqarrija tieghu qal li jsellef il-flus lin-nies bl-imghax ta' 8% ried ifisser li huwa gieli biegh karrozzi lin-nies u ma thallasx bil-quddiem u ghalhekk gie qisu qieghed jaghtihom il-flus. Qal ukoll illi fejn qal fl-istqarrija li huwa jaghti kambjali biex jiffirma, ried ifisser li jkun biegh karrozza u ried jiffirmalu l-kambjali. Qal ukoll li meta qal li hemm xi 35 ohra li ma hallsux, ried ifisser li ried jigri warajhom biex jigbor flusu. Xehed ukoll li xtara xi djun minghand in-nies. Tenna fix-xiehda tieghu li meta fl-istqarrija tieghu qal li kien isellef il-flus lin-nies ried ifisser li huwa jbiegh karrozzi u gieli kien ma jehdilhomx flus meta jaghtihielhom u ghalhekk jigi qisu qieghed isellef il-flus. Stranament ukoll fix-xiehda tieghu l-ewwel jghid illi huwa minnu dak li qal Dominic Cuschieri li silef flus bla imghax imbaghad jghid li ma jafx min hu Dominic Cuschieri ghalkemm jaf li xehed fil-konfront tieghu, u li qatt ma sellfu flus.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-appellat mhuwiex kredibbli u fix-xiehda tieghu ghamel tentattiv biex jipprova jiskolpa ruhu. Minn dak li jirrizulta li qal fl-istqarrija tieghu, ghamel distinzjoni netta bejn dak li huwa l-bejgh ta' karrozzi u dak li huwa self. Hekk, per ezempju, b'referenza ghal karta li kellu fuqu fejn kien hemm diversi numri u ismijiet, l-appellat qal li "iz-zewg cifri mal-laqam ta' gahan u cioe` il-500 u il-240 huma flus li jien ghandi niehu minghand wiehed mill-Isla li jbiegh fuq il-monti. Dan ghandu itihomli

fuq bejgh ta’ karrozzi. L-ohrajn huma self.” Mistoqsi jekk jislifx il-flus qal li huwa kien jislef il-flus. Mistoqsi ghaliex waqaf, qal li waqaf “minhabba l-inkwiet. Ilni nnaqqas mis-self xi erba’ xhur kemm ilni li ftaht ix-showroom. Anzi nghid li hadd ix-showroom ghal din ir-raguni.” Minn dan kollu, u minn ezami tax-xiehda li nstemghet mill-ewwel Qorti, huwa evidenti illi l-appellat kien jislef il-flus regolarment – anzi kien ix-xoghol regolari tieghu.

Stante li l-appellat sejjer jigi dikjarat hati ta’ l-ewwel imputazzjoni bhala l-awtur tad-delitt in kwistjoni (“il-hati principali”), irid jigi lliberat mit-tieni imputazzjoni u ghalhekk is-sentenza appellata sejra tigi kkonfermata f’dan is-sens.

Dwar it-tielet imputazzjoni, gew esebiti zewg sentenzi (a fol. 30 sa 37 tal-process) u saret il-prova ta’ l-identita` dwar wahda minnhom, dik tal-21 ta’ Marzu 1997 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali (a fol. 30 sa 33) u li permezz taghha l-appellat kien gie kkundannat ghall-piena ta’ prigunerija ta’ sitt xhur. Peress illi r-reat odjern sehh entru perijodu ta’ hames snin minn meta giet skontata l-imsemmija sentenza, hija applikabbli r-recidiva kemm a tenur ta’ l-artikolu 49 tal-Kap. 9 kif ukoll ta’ l-artikolu 50 ta’ l-istess Kap. 9.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata u ghalhekk filwaqt illi tikkonfermaha in kwantu ddikjarat lill-appellat mhux hati tat-tieni imputazzjoni u minnha lliberatu, issibu hati ta’ l-imputazzjonijiet l-ohra, u, wara li rat l-artikoli 3(1), 22(1)(a) u 23(2) kif vigenti fi zmien ir-reat in kwistjoni, u l-artikoli 18, 49 u 50 tal-Kap. 9, tikkundanna lill-imsemmi Nazzareno Zarb ghall-hlas ta’ multa ta’ ghaxart elef lira Maltin (Lm10,000) li jekk ma jithallsux fi zmien xahar millum qed jigu konvertiti a tenur ta’ l-artikolu 11 tal-Kap. 9 kif vigenti fiz-zmien in kwistjoni fi prigunerija ghal perijodu ta’ sitt xhur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------